# ID-DUD U L-MARD.

*Nibdew inġibu taħt din ir-ras l-ewwel biċċa milli qiegħed jiktbilna t-tabib H. fuq id-dud u t-tixrid tal-mard. Billi dil-ħaġa hi ta' ħtieġa u ta' tagħlim kbir, inħajru lill-qarrejja li jaqrawhom bid-dehwa kollha biex dak li jaqraw jiswielhom ta' ġid.*

ID-DUBBIEN.

Id-dubbien, barra milli hu moqżież u jdejjaq, huwa wkoll dud ta' biża' għal saħħitna għax miegħu jġorr id-dud tal-mard. Għalhekk l-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu biex nilqgħu ruħna, hi li kemm jista' jkun innaqqsu l-kotra tad-dbieben.

Minn Mejju l-quddiem, ngħidu aħna sal-ħarifa, il-għadd tagħhom jiżdied bl-eluf ta' l-eluf.

Hekk kif tibda tieħu xi ftit tas-sħana, għall-ħabta ta' Marzu u l-iżjed għall-ħabta ta' April, l-istaġun tat-tnissil tagħhom ikun beda.

Id-dubbiena tbîd mal-100 sal-150 bajda f'daqqa.

Raw u qiesu li jekk dubbiena tbid, ngħidu aħna fil-15 ta' April, mal-120 bajda, dik id-dubbiena l-waħda fl-aħħar ta' Settembru tkun nisslet mal-5,598,720,000,000 dubbiena. Dawn id-dubbiniet kollha, jekk wieħed igħaqqadhom u jrosshom flimkien, jagħmlu bħal kaxxa li minn kull ġenb tkun iġġib il-qjies ta' 8 qasab u sitt ixbar (20 jarda Ingliża); u dana biss jekk kemm-il darba din id-dubbiena tiġi li tmut wara li tkun għamlet u xeħtet l-ewwel għanqud bajd. Imma d-dubbiena tarġa' tbid darbtejn jew tliet darbiet iżjed, ukoll barra minn dawn ix-xorta ta' gzuz ta' bajd li semmejna.

Bix-xorti li d-dubbien għandhom l-egħdewwa tagħhom maħluqin għalihom, sew ma tûl it-tfesdiq (*) tagħhom kemm ukoll mita jrabbu l-ġwienaħ u jtiru.

Imma b'dawn l-egħdewwa kollha li għandhom, kull sajf aħna ninsabu mpestati bihom b'kotra kbira ta' bla għadd.

Id-dubbien iġorr miegħu l-mard: ħaġa żgħira biex nifhmu kif, għax kullħadd jaf id-drawwiet tagħhom. Il-mard ta' l-im-

(*) Mita l-bajd isir bħal dudu tax-xagħat.

saren sew fiż-żgħâr, kemm ukoll fil-kbâr, jaħkem bil-bosta tûl l-istaġun tad-dubbien. Bla l-ebda dubju, id-dubbien għandu tas-sew sehem kbir fit-tixrid tal-mard ta' l-imsaren bit-tniġġis tiegħu. Id-dubbien jista' wkoll iniġġes l-ikel tagħna bid-dud tal-mard tas-sider u jġorr miegħu wkoll f'għajnejna d-dud tal-mard tal-għajnejn.

Issa hu l-waqt li aħna nilqgħu ruħna mill-ħsarat li d-dubbien jista' jġib f'saħħitna, billi neqirdu kull dubbiena li tinsab ġewwa darna. La toqogħdux titnikkru fil-ħsieb li dejjem tiġikom żewġ, billi tittamaw li d-dubbien ma jagħmlilkom ebda deni. Iftakru illi hemm fin-nofs is-saħħa tagħkom u ta' wliedkom l-egħżież.

H.